# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 28 ta' Lulju 2025

**Rik. Gur.Nru.: 90/2025JPG**

**Kawza nru.: 28**

**MC**
**vs**
**JM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC datat 28 ta' Frar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u u miz-zwieg taghhom il-partijiet ghandhom tifel TC li twieled f' X u ghalhekk huwa maggorenni;*

.

*2. Il-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dottor Anthony Bonnici mill-wiehed u ghoxrin (21) t' Ottubru tas-sena elfejn u tmintja (2008) (DOK B);*

*3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress illi llum ghandhom hajja totalment separata minn*

*xulxin;*

*4. Illi ma hemm l-ebda obbligazzjoni ta manteniment bejn il-partijiet u lanqas versu it- tifel taghhom.*

*Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.*

*Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas- sena elfejn u tnejn (2002) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

*Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*

*Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi JM ma pprezentat ebda risposta izda dehret ghas-seduta skjedata mhux assistita u wara li gew spjegati lilha d-dritt taghha ghall-assistenza legali, wiegbet li ma tehtiegx ghajnuna legali u li m'ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal datat 17 ta' Gunju 2025 li permezz tieghu l-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 44).

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 12)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Settembru 2002 u li minn dan iz-zwieg tieled tifel li llum maggorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 21 t'Ottubru 2008 in atti tan-Nutar Dr Anthony Bonnici. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit Fol 45)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Settembru 2002 liema zwieg jgib certifikat numru 1540/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 43). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali datat 21 t'Ottubru 2008 in atti tan-Nutar Dr Anthony Bonnici (Vide fol 2 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1540/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**